

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: C. King

Konvenuti: The Sash Window Workshop Ltd, Richard Dollar

Domandi preliminari

1. Fil-każ ta' tilwima bejn ħaddiem u persuna li timpjega dwar jekk il-ħaddiem huwiex intitolat għal leave annwali bi ħlas skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 ⁽¹⁾, huwa kompatibbli mad-dritt tal-UE, u b'mod partikolari mal-prinċipju ta' rimedju effettiv, il-fatt li l-ħaddiem ikollu l-ewwel jieħu l-leave qabel ma jkun jista' jstabbilixxi jekk huwiex intitolat li jitħallas?
2. Fil-każ li l-ħaddiem ma jhux il-leave annwali kollu jew parti minnu li għalih huwa intitolat fis-sena ta' leave meta kwalunkwe dritt għandu jiġi eżerċitat, f'ċirkustanzi fejn huwa ma jagħmilx dan biss minħabba l-fatt li l-persuna li timpjegah tirrifjuta li tħallsu għal kwalunkwe perijodu ta' leave li huwa jieħu, il-ħaddiem jista' jsostni li huwa prekluż mill-iżerċita d-dritt tiegħu għal-leave bi ħlas b'mod li d-dritt jiġi rrimandat sakemm huwa jkollu l-possibbiltà li jeżerċitah?
3. Fil-każ li d-dritt jiġi rrimandat, dan isir għal żmien indefinit jew hemm perijodu limitat għall-eżerċizzju tad-dritt rimandat b'analoġija mal-limitazzjonijiet imposti meta l-ħaddiem ma jkunx jista' jeżerċita d-dritt għal-leave fis-sena tal-leave rilevanti minħabba mard?
4. Jekk ma jkunx hemm dispożizzjoni statutorja jew kuntrattwali li tispeċifika perijodu tal-leave rimandat, il-qorti hija obbligata li timponi limitu għall-perijodu tal-leave rimandat sabiex jiġi żgurat li l-applikazzjoni tar-Regolamenti ma tfixkilx l-għan tal-Artikolu 7?
5. Jekk iva, iż-żmien ta' 18-il xahar wara t-tmiem tas-sena tal-vaganzi li fiha akkumula l-leave huwa kompatibbli mad-dritt tal-Artikolu 7?

⁽¹⁾ Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta' Novembru 2003, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381).

Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mill-Efeteio Athinon (il-Greċja) fit-18 ta' April 2016 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Dimos Zagori

(Kawża C-217/16)

(2016/C 222/09)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Qorti tar-rinviju

Efeteio Athinon

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea

Konvenut: Dimos Zangrou

Domandi preliminari

- 1) X'inhi n-natura tal-atti tal-Kummissjoni Ewropea fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħha stabbiliti fir-Regolamenti 2052/88 ⁽¹⁾, 4253/1988 ⁽²⁾ u 4256/1988 ⁽³⁾ u, b'mod iktar speċifiku, tali atti tal-Kummissjoni huma atti tad-dritt pubbliku u jaġhtu lok, fi kwalunkwe każ, għal tilwimiet amministrattivi fuq il-mertu, b'mod partikolari jekk l-oġġett tas-sekwestru mill-Kummissjoni Ewropea ta' assi miżmuma minn terzi huwa kreditu privat, filwaqt li t-talba inizjali li għas-sodisfazzjon tagħha ssir il-proċedura ta' eżekuzzjoni forzata toriġina minn relazzjoni ġuridika ta' dritt pubbliku, li tirriżulta mill-atti msemmija iktar 'il fuq tal-Kummissjoni Ewropea, jew huma atti ta' dritt privat li joħlqu tilwimiet ta' natura privata?
- 2) Fid-dawl tal-Artikolu 299 TFUE, li skontu l-eżekuzzjoni forzata ta' atti tal-Kummissjoni Ewropea li jimponu obbligi pekunjarji fuq persuni li ma humiex l-Istati Membri hija rregolata mir-regoli tal-proċedura ċivili fis-seħħ fl-Istat li fil-territorju tiegħu tkun qed titwettaq l-eżekuzzjoni forzata u fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, li skontu l-istħarriġ tar-regolarità tal-miżuri eżekuttivi għandu jaqa' fil-ġurisdizzjoni tal-qrati nazzjonali, kif inhi ddeterminata l-ġurisdizzjoni tal-qrati nazzjonali f'tilwimiet li joriġinaw minn tali eżekuzzjoni, meta skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali dawn it-tilwimiet jikkostitwixxu kwistjonijiet amministrattivi fuq il-mertu, jgħidli fejn ir-relazzjoni msemmija hija ta' dritt pubbliku?
- 3) Fil-każ ta' eżekuzzjoni forzata ta' atti tal-Kummissjoni Ewropea adottati b'eżekuzzjoni tar-Regolamenti 2052/88, 4253/1988 u 4256/1988 u li jimponu obbligi pekunjarji fuq persuni li ma humiex l-Istati Membri, il-leġittimazzjoni passiva tad-debitur hija ddeterminata abbażi tad-dritt nazzjonali jew tad-dritt tal-Unjoni?
- 4) Meta l-persuna obbligata li twettaq obbligu pekunjarju li jirriżulta mill-att tal-Kummissjoni Ewropea adottat għall-implementazzjoni tar-Regolamenti 2052/88, 4253/1988 u 4258/1988 tkun impriża komunali li sussegwentement tiġi xolta, il-komun li din il-kumpannija tappartjeni għalih huwa responsabbli għat-twettiq finanzjarju tal-obbligu pekunjarju inkwistjoni fil-konfront tal-Kummissjoni Ewropea skont ir-regolamenti ċċitati iktar 'il fuq?

⁽¹⁾ ĠU L 185 tal-15 ta' Lulju 1988, p. 9

⁽²⁾ ĠU L 374 tal-31 ta' Diċembru 1988, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 374 tal-31 ta' Diċembru 1988, p. 25.

Appell ippreżentat fid-19 ta' April 2016 minn GFKL Financial Services GmbH, li qabel kienet GFKL Financial Services AG mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Id-Disa' Awla) fl-4 ta' Frar 2016 fil-Kawża T-620/11 – GFKL Financial Services AG vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-219/16 P)

(2016/C 222/10)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellanti: GFKL Financial Services GmbH, li qabel kienet GFKL Financial Services AG (rappreżentanti: M. Schweda, J. Eggers, M. Knebelberger, F. Loose, avukati)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea, Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

Talbiet

1. tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea (Id-Disa' Awla) tal-4 ta' Frar 2016 fil-Kawża T-620/11, sa fejn is-sentenza tiċħad ir-rikors bħala infondat, u

tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Jannar 2011 dwar l-għajnuna mill-Istat (ex CP 250/09 u NN 5/10) implimentata mill-Ġermanja — Skema għar-riport ta' telf ta' taxxa fil-każ tar-ristrutturar ta' kumpanniji f'diffikultà ("Sanierungsklausel") ⁽¹⁾, C(2011) 275;